REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/630

tat-3 ta' April 2017

li jemenda għall-264 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.

(2) Fid-29 ta' Marzu 2017, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda entrata waħda fil-lista tiegħu tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Aġent Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

([1]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNESS

Fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002, id-dejta ta' identifikazzjoni tal-entrata "Radi Abd El Samie Abou El Yazid El Ayashi, (magħruf ukoll bħala Mera'i). Indirizz: Via Cilea 40, Milan, l-Italja (domiċilju). Data tat-twelid: 2.1.1972. Post tat-twelid: El Gharbia (l-Eġittu). Tagħrif ieħor: (a) F'kustodja fl-Italja, għandu jinħeles fis-6.1.2012; (b) Suġġett għal espulsjoni mill-Italja wara li jkun skont (sic) is-sentenza. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 12.11.2003.", taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" qed tinbidel b'dan li ġej:

"Radi Abd El Samie Abou El Yazid El Ayashi, (magħruf ukoll bħala Mera'i). Indirizz: Via Cilea 40, Milan, l-Italja (domiċilju). Data tat-twelid: 2.1.1972. Post tat-twelid: Governat ta' El Gharbia (l-Eġittu). Nazzjonalità: (a) Eġizzjana. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 12.11.2003."